**14 ta' Diċembru, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Cassar

*versus*

Alfonso Maria Pace

**Appalt — Kondizzjoni Riżoluttiva — Ċitazzjoni — Ekwipollenza — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tagħti lill-appaltant il-fakoltà li jxolji minn rajh l-appalt minnu mogħti, avvolja x-xogħol ikun ġa nbeda, billi jħallas lill-appaltatur tax-xogħol kollu li jkun laħaq eżegwixxa u tal-ispejjeż kollha li jkun għamel, flimkien ma' somma, li tiġi stabbilita mill-Qorti, bħala ndennizz għat-telf ta' profitt, li però ma teċċedix dik li l-appaltatur kien jirrealizza kieku kompla l-appalt.*

*Din id-dispożizzjoni tikkontempla l-każ ta' xoljiment unilaterali "ad nutum" da parti tal-kommittent; għaldaqstant, tant jekk l-appaltatur iħoss ruħu ġustifikat jieqaf mill-appalt minħabba inadempjenza tal-kommittent, kemm jekk dan iħoss ruħu maħlul mill-ftehim tal-appalt minħabba inadempjenza tal-appaltatur, l-imsemmija dispożizzjoni mhix applikabbli, u minflok ikun il-każ ta' xoljiment bil-patt kommissorju taċitu; u allura jkun hemm bżonn l-intervent tal-Qorti biex tiddikjara l-kuntratt xjolt għar-raġuni ta' inadempjenza ta' xi waħda mill-partijiet, tant jekk dik ir-raġuni tkun rikjesta mill-appaltant kemm jekk tkun invokata mill-appaltatur.*

*Konsegwentement, jekk l-appaltant iħoss ruħu maħlul mill-ftehim u jqabbad persuna oħra biex tkompli l-eżekuzzjoni tal-appalt, ikun hu li, għax ma jkunx irrikorra għall-ministeru tal-Qorti biex din tiddikjara xjolt l-appalt, xjola l-kuntratt "ad nutum", u allura huwa jaqa' taħt l-imsemmija dispożizzjoni, u jkun suġġett biex jeżegwixxi dawk l-obligi previsti mill-liġi favur l-appaltatur.*

*Meta dan ikun il-każ, l-appaltatur jista' jitlob dak li jisthoqqlu skond l-imsemmija dispożizzjoni mingħajr ma jitlob preventivament ir-riżoluzzjoni tal-appalt; u ċ-ċitazzjoni tiegħu ma tkunx irritwali billi hu jkun talab il-ħlas ta' xogħlu u tal-ispejjeż, flimkien mal-kumpens għat-telf tal-profitti, mingħajr ma jkun talab preventivament ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt għax dan ġie xjolt mill-kommittent. Imma anki kieku l-azzjoni tal-kuntrattur titqies bħala waħda għall-prezz tax-xogħol u l-ħlas tal-ispejjeż u d-danni minħabba inadempjenza tal-appaltant, xorta waħda ċ-ċitazzjoni mhix irritwali; għax azzjoni simili tikkoinvolġi neċessarjament mhux biss l-ipotesi ta' xoljiment "ad nutum" da parti tal-appaltant, iżda anki l-ipotesi ta' xoljiment inġust da parti tal-appaltant, jew għal kawża ġusta da parti tal-appaltatur; u dan bis-saħħa tar-regola tal-'equipollens', li bis-saħħa tagħha, meta t-talba hi tali illi, kieku tkun akkolta, tikkoinvolġi neċessarjament ir-revoka ta' att, dik ir-revoka tinsab impliċitament kompriża fid-domanda, għalkemm espliċitament mhix mitluba.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premess li bi skrittura privata tad-9 ta' Ottubru 1954 (dok. A) il-kontendenti kienu ftehmu illi x-xogħolijiet kollha għar-rikostruzzjoni tad-dar 36 Sanctuary Street, Żabbar, kellhom isiru mill-attur bil-prezz konvenut ta' £1150; u premess li l-attur għamel diġa' parti mix-xogħol, imma qiegħed jiġi mpedut mill-konvenut li jkompli x-xogħol; u premess li l-konvenut ħallas £550 akkont tas-somma mifthema; premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab illi prevja dikjarazzjoni li l-konvenut inġustament waqqaf lill-attur milli jkompli x-xogħol li baqa', din il-Qorti (1) tordna l-istima tax-xogħolijiet li hu ma setgħax ikompli ħtija tal-konvenut; (2) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, in linea ta' danni, dik is-somma li hu kien jaqla' mill-istess xogħolijiet, u li huwa ma qalgħax ħtija tal-konvenut; (3) tikkundanna lill-istess konvenut iħallas dik is-somma li jibqa' mill-ammont miftiehem ta' £1150 wara li jitnaqqsu minnha l-valur tax-xogħolijiet li l-konvenut ma ħalliex lill-attur jagħmel għar-raġunijiet fuq miġjuba u jitnaqqsu wkoll il-£550 mħallsin akkont; u dan kollu jekk hemm bżonn, bl-opra

ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti tas-7 ta' Diċembru 1954 u tal-25 ta' Frar 1955, u bl-imgħaxijiet legali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1962, li biha laqgħet it-talbiet tal-attur, billi ddikjarat fis-sens li tikkonstata illi l-konvenut xolja minn rajh il-kuntratt tal-appalt stipulat mal-attur, fit-termini tal-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, billi waqqaf lill-attur milli jkompli x-xogħol; u fit-termini tal-istess artikolu 1734 ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur bħala danni, skond iċ-ċirkustanzi, għall-qliegħ li l-attur kien jagħmel kieku kompla x-xogħol, u li huwa ma għamelx ħtija tal-konvenut, u in vista tal-perizja ġudizzjarja, is-somma ta' £130; u għax-xogħol li l-attur kien laħaq għamel tal-valur ta' £876.15.2, nieqes l-ammont ta' £600 li l-attur diġa' ħallas, ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur il-bilanċ ta' £276.15.2; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Osserva l-perit illi, skond id-depożizzjoni tal-A.I.Ċ Oscar Rizzo. li kien jiddiriġi x-xogħol, ir-rapporti li kienet tagħmillu l-mara tal-konvenut fuq li x-xogħol kien qiegħed isir ħażin kienu dejjem infondati;

Il-perit sab illi l-attur ħa akkont tal-prezz is-somma ta' £600. u mhux £550 kif hemm fiċ-ċitazzjoni;

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 1957 l-attur xehed quddiem il-perit illi hu ma setgħax ikompli x-xogħol għax mart il-konvenut kienet tagħlaqlu l-bibien ma' wiċċu u ma tħallieħx jidħol, u allura hu kellu jitlaq definittivament. Fis-seduta tal-11 ta' Marzu 1958 il-mara tal-konvenut xehdet illi hija qatt ma mpediet lill-attur milli jkompli x-xogħol, imma kienet tosserva lill-perit li x-xogħol kien isir ħażin, u li kienet tħeġġeġ lill-attur biex ifittex jeħles;

Il-perit sab li sar xogħol skond l-iskeda eżibita fil-kawża, u xogħol ieħor ma sarx, jew sar mhux kif kellu jsir, bħas-saqaf tal-entrata li qabel kien troll, tibjid u kulur

f'ċerti parti ħżiena bħal tat-taraġ, li sar taħt li-standard normali. Sab ukoll li l-attur ħa madum fuq il-post;

Il-perit ma daħalx fil-kwistjoni tad-danni pretiżi mill-attur bħala telf ta' dak li hu kien jaqla' kieku kompla x-xogħol;

Il-perit ikkonkluda illi l-pretensjoni tal-attur in konsiderazzjoni tax-xogħol li l-attur għamel, hija ġusta, u stabbilixxa f'dan ir-rigward is-somma ta' £876.15.2, nieqsa £600 meħuda akkont, i.e. £276.15.2;

B'nota a fol. 112 il-konvenut talab periti addizzjonali . . . . . ;

B'relazzjoni addizzjonali tat-30 ta' Novembru 1959 il-perit irrelata dan:—

*Omissis;*

Skond verbal a fol. 144 tal-proċess, il-konvenut irrinunzja għat-talba għal periti addizzjonali;

*Omissis;*

L-attur xehed, a fol. 141 illi hu tħallas akkont ta' £600 u illi w'eħed mil-lavranti tiegħu kien poġġa xi ġebel fuq il-madum tal-loġġa u nkiser man-nofs metru. L-attur ma rranġahx għax mart il-konvenut ma ħallietux, u qal illi l-ispiża għall-madum li nkiser titla' mal-lira, u għat-tibdil tal-loġġa kollha, li hi twila mal-erbatax il-pied u wiesgħa mal-ħames piedi, l-ispiża hi mas-£7;

Ikkunsidrat;

Hi rilevanti ħafna għall-kawża x-xhieda tal-perit Oscar Rizzo, partikolarment dik fil-fol. 58-59 tal-proċess, li l-perit Rizzo ta quddiem il-perit ġudizzjarju. Irriżulta minn dik ix-xhieda illi, fost il-kwantità ta' lanjanzi li l-konvenut u martu kienu jagħmlu li x-xogħol tal-attur kien ħażin, darba biss il-perit sab li huma kellhom raġun jiġifieri rigward dislivell fil-kamra li tmiss mal-ħoġor tal-gallarija,

li wara l-attur irranġa. Tant kienu nfondati l-lanjanzi, li l-perit xehed:— "Fl-okkażjoni li eżaminajt id-deffun, jiena tlift il-paċenzja minħabba r-rapporti nfondati; u għidt lill-mara tal-konvenut li ma kontx bi ħsiebni nkompli mmur, u minn dak inhar ma mortx hemmhekk aktar." L-istess xhud qal, a fol. 61:— "L-attur kemm il-darba gerger miegħi li l-mara tal-konvenut kienet tostakolah fix-xogħol; barra darba. taċ-ċimusa fil-gallarija, ir-rapporti li kienet tagħmilli l-mara tal-konvenut dwar ix-xogħol ħażin kienu dejjem infondati. Darba rajt it-tibjid tal-kamra tal-bejt, li l-mara tal-konvenut ippretendiet li ma sarx sewwa, imma d-dbajja li rajt kienu dovuti għall-ġebel qadim, u t-tibjid kien tajjeb";

L-attur xehed (fol. 64) illi l-konvenut kien ta' sikwit iwaqqfu minn ħaġa u minn oħra u jġiegħlu jagħmel ix-xogħol darbtejn u erbgħa darbiet. Kompla jgħid l-attur . . . . . ;

Qal mbagħad in kontroeżami . . . . . ;

Giuseppe Azzopardi, xhud tal-konvenut stess, qal . . . . . . ;

Giovanni Cassar xehed . . . . . . ;

Domenico Camilleri xehed . . . . . ;

Giuseppe Bonello xehed . . . . . ;

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet a fol. 131, oppona illi l-azzjoni hija irritwali, fuq il-motiv illi l-attur ma talabx ix-xoljiment tal-appalt u għalhekk, skond il-konvenut, huwa ma huwiex intitolat għat-telf ta' profitt kif previst fl-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili;

Skond dan l-artikolu l-appaltant jista' jħoll. meta jrid, il-kuntratt tal-appalt, għalkemm ix-xogħol kien ġa beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti

skond iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt;

L-attur fiċ-ċitazzjoni ppremetta li hu "qiegħed jiġi mpedut mill-konvenut li jkompli x-xogħol", u li l-konvenut ħallas £550 akkont tas-somma mifthema, u talab illi, "wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut inġustament waqqaf lilu milli jkompli x-xogħol li baqa' ", li din il-Qorti (1) tordna li ssir stima tax-xogħolijiet li hu (l-attur) ma setgħax ikompli ħtija tal-konvenut, (2) tikkundanna lill-konvenut iħallsu in linea ta' danni dik is-somma li huwa ma qalgħax ħtija tal-konvenut, (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas dik is-somma mill-kontendenti mifthema ta' £1150, wara li jitnaqqas minnha l-valur tax-xogħolijiet li l-konvenut ma ħallieħx jagħmel għar-raġunijiet fuq miġjuba, u jitnaqqsu wkoll il-£550 mħallsin akkont . . . . . ";

Fil-fehma tal-Qorti, it-talba mhix irritwali. L-ewwel, għar-raġuni illi t-talba għad-dikjarazzjoni "illi l-konvenut inġustament waqqaf lilu milli jkompli x-xogħol li baqa' " hi ekwipollenti għal talba ta' dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-kuntratt ħtija tal-konvenut; it-tieni. għar-raġuni illi, skond l-imsemmi art. 1734, l-appaltant jista' minn rajħ, u hekk mingħajr ma jadixxi t-tribunali, ixolji l-appalt meta jrid hu. Meta hu jagħmel dan, hu jkun suġġett għall-obligi mposti mill-istess artikolu favur l-appaltatur, u ma jkunx hemm bżonn il-ministeru tal-Qorti, bir-rispettiva dikjarazzjoni dwar xoljiment tal-kuntratt; u l-konstatazzjoni mill-Qorti tax-xoljiment tal-kuntratt tal-appalt tista' ssir mingħajr bżonn ta' talba espressa għal dan, billi din il-konstatazzjoni toħroġ. fuq il-provi mill-premessi stess;

Ikkunsidrat;

Skond verbal a fol. 137, l-avukat tal-attur ikkjarifika t-talba billi ddikjara li hu qiegħed jitlob riżarċiment tad-danni u ħlas tax-xogħol magħmul mill-attur. Fil-fatt, iċ-ċitazzjoni sostanzjalment timporta dan, billi bl-ewwel żewġ domandi l-attur qiegħed jitlob ir-riżarċiment tad-danni minħabba fin-nuqqas ta' qliegħ ħtija tal-attur, u bit-tie-

let domanda hu qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut għar-rimanenti mis-somma ta' £1150 wara li jonqos l-ammont tad-danni diġa' mitlubin u l-akkont ta' £550, u hekk impliċitament il-bilanċ tal-prezz tax-xogħol minnu magħmul;

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi, u partikolarment mix-xhieda tal-perit Oscar Rizzo, li kien inkarigat mix-xogħolijiet, irriżulta illi l-atteġġjament tal-konvenut u tal-mara tiegħu kien tali illi wassal lill-attur f'pożizzjoni li ma setgħax ikompli x-xogħol aktar. Anki l-istess Perit Rizzo, kif xehed hu, tilef il-paċenzja u ma kompliex fl-inkarigu minħabba dan l-atteġġjament. Kif jirriżulta mix-xhieda, l-attur kien jipprova jikkuntenta x-xewqat tal-konvenut u tal-mara tiegħu, u kien jinsisti mal-lavranti tiegħu biex jikkuntentawhom, u kemm il-darba għamel l-istess xogħol għal diversi drabi biex jolqot ix-xewqat tagħhom. B'dan kollu, kien ikun hemm lanjanzi kontinwi li, ħlief dik tal-gallarija, irriżultaw, kif xehed il-Perit Rizzo, dejjem infondati;

*Omissis;*

Għalkemm l-attur, bħal ma għamel il-Perit Rizzo, ma kompliex ix-xogħol, kienu l-konvenut u martu li wasslu lill-attur biex jagħmel hekk. u b'dan il-mod kien, virtwalment u ġuridikament, il-konvenut li xolja l-kuntratt tal-appalt. Skond din il-Qorti, l-appaltant li jqiegħed lill-appaltatur f'pożizzjoni li dan ma jkunx jista' jeżegwixxi l-kuntratt, ikun qiegħed ixolji l-kuntratt tal-appalt daqs kemm kieku jkun keċċa lill-appaltatur. Jiġi osservat mbagħad illi, skond ix-xhieda fuq imsemmija, il-konvenut kien jagħlaq il-bieb f'wiċċ l-attur;

Ikkunsidrat, fuq it-talbiet tal-attur;

Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit ġudizzjarju (il-lum mejjet), u tadottahom. Hekk, skond il-perizja, il-valur tax-xogħol magħmul mill-attur qabel ix-xoljiment tal-kuntratt mill-konvenut kien ta' £876. 15. 2d. B'dan il-mod, il-valur tax-xogħol li l-attur ma kompliex minħabba

ħi-konvenut hu tad-differenza bejn din is-somma u dik mif-tnema ta' £1150, jiġifieri £273. 4. 10d. Mis-somma ta' £876. 15. 2d l-attur irċieva £600 akkont, u hekk tax-xogħol li lahaq għamel hu fadallu jieħu £276. 15. 2d. L-attur għal-hekk jienu £276. 15. 2d flimkien mal-ammont li sejjer jis-semma bħala danni, li fid-dikrezzjoni tal-Qorti, meqjusa ċ-ċirkustanzi kollha, sofra l-attur minħabba li ma kompliex l-appalt għax il-konvenut xolja l-kuntratt;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tie-għu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur in bażi għall-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, billi ddikjarat fis-sens li kkonstatat illi kien il-konvenut li xolja minn rajħ il-kuntratt tal-appalt, billi waqqaf lill-attur milli jkompli xogħol;

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu fol. 129, il-kon-venut, fost riljevi oħra, kien issottometta illi "l-azzjoni tal-attur hija irritwali, peress li huwa anqas ma talab ix-xolji-ment tal-appalt, u għalhekk mhux intitolat għat-telf ta' profitt kif previst mill-art. 1734, għaliex mhuwiex konċe-pibbli r-riżarċiment tad-danni jekk ma jiġux konstatati r-riżoluzzjoni tal-kuntratt u l-imputabbilità tal-ħtija li tagħ-ti lok għal dik ir-riżoluzzjoni (fol. 131);

Issa, fil-petizzjoni tal-appell, il-konvenut reġa' nsista fuq din l-eċċezzjoni. "Biex (l-attur) ikun intitolat għad-danni", qal l-appellant, "messu talab ir-riżoluzzjoni tal-istess appalt, ladarba din il-fakoltà ma tagħtihielux il-liġi; infatti, mingħajr dan ix-xoljiment pronunzjat mill-Qorti, l-attur ma setgħax unilateralment jagħixxi għad-danni jew telf ta' profitt previst mill-art. 1734 . . . . għaliex mhux konċepibbli ir-riżarċiment tad-danni jekk ma hix konstata-ta r-riżoluzzjoni tal-kuntratt u l-imputabbilità tal-ħtija li

tagħti lok għal dan ir-riżarċiment. Ma għandux jintesa illi l-appalt ġie stipulat per mezz ta' skrittura, u sakemm din ma tiġix riżoluta, l-ebda wieħed mill-partijiet (ħlief il-konvenut fil-każ previst mill-art. 1734 fuq ċitat) ma jista' jmur kontra tagħha. Sakemm tibqa' teżisti dik l-iskrittura, hija nkonċepibbli u prematura kwalunkwe azzjoni ta' danni" (fol. 162 tergo);

Fl-istess petizzjoni l-konvenut jilmenta illi l-Ewwel Qorti ddiskutiet din l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-ġudizzju mingħajr ma ċaħditha espressament, la fil-korp tas-sentenza u lanqas fid-dispożittiv tagħha, u "għalhekk, ammenokkè din l-ommissjoni ma timportax nullità tas-sentenza, l-istess eċċezzjoni għandha tiġi ripreża u deċiża minn din il-Qorti" (ibid.);

Dan l-aċċenn oblikwu għall-possibbilità li l-ommissjoni allegata fl-aħħar paragrafu mill-konvenut tista' timporta n-nullità tas-sentenza appellata, ovvjament ma jammontax għal eċċezzjoni formali ta' dik in-nullità. Difatti, la fil-parti konklużjonali tal-petizzjoni ma hemm ebda talba biex is-sentenza appellata tiġi għal dik ir-raġuni annullata, jew dikjarata nulla, u anqas fil-kors tal-appell ma ġiet xort'oħra proposta dik l-eċċezzjoni; anzi fit-trattazzjoni orali tal-appell l-avukat tal-konvenut attwalment ikkonċeda illi dik l-ommissjoni ma timportax nullità. Del resto, hu ċar illi l-eċċezzjoni, hekk imsejħa mill-konvenut tal-irritwalità tal-azzjoni jew tal-ġudizzju, ma kienetx eċċezzjoni ta' nullità ta' atti kontemplata fl-art. 792 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u li skond l-art. 731 kellha tinqata' b'kap separat;

Imma dik l-eċċezzjoni tal-konvenut, apparti milli tirriferixxi biss għat-tieni talba tal-attur, ċjoè dik rigwardanti r-riżarċiment tad-danni fil-limiti tat-telf tal-profitt li l-attur ma qalgħax, jidher espressament mill-formulazzjoni ta' dik l-eċċezzjoni, tant fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut fuq imsemmija kemm fil-petizzjoni tal-appell, li anqas hi eċċezzjoni ta' irritwalità tal-azzjoni jew tal-ġudizzju, kif sejħilha l-konvenut, li tista' tiġi deċiża ndipendentement mill-meritu. Infatti l-konvenut, biex isostniha, jeħtieġlu jinnega l-premessi ta' fatt taċ-ċitazzjoni, fis-sens li

kien hu li mpedixxa lill-attur li jkompli x-xogħol u li kien hu li nġustament waqqaf lill-attur milli jkompli x-xogħol li kien baqa', u jafferma, għall-kuntrarju bħala fatt, kif afferma fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, fuq imsemmija, u fil-petizzjoni, illi kien inveċe l-attur li abbanduna l-appalt u li ta lok bil-kondotta tiegħu għat-twaqqif tax-xogħol. Difatti, mitlub minn din il-Qorti biex jifformula b'mod aktar ċar l-eċċezzjoni tiegħu in ripulsa tal-pretensjonijiet tal-attur, il-konvenut ippreżenta n-nota fol. 181 fejn qal illi hu "ma tterminax il-kuntratt tal-appalt, anzi kien l-attur li tterminah mingħajr ġusta kawża, u għal motivi mputabbli lilu". Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dawn ma humiex eċċezzjonijiet ta' irritwalità tal-azzjoni jew tal-ġudizzju, li jistgħu jiġu deċiżi preliminarment iżda eċċezzjonijiet li fl-ewwel lok almenu, kif sejjer jingħad, jinvestu l-meritu;

Hi regola illi meta l-eċċezzjoni preliminari, anki jekk perentorja tal-ġudizzju, għandha bħala bażi allegati fatti li tagħhom fiċ-ċitazzjoni tintalab dikjarazzjoni formali, dawk il-fatti allegati, għall-finijiet tad-deċiżjoni fuq dik l-eċċezzjoni, għandhom jittieħdu bħala veri, salv li mbagħad jiġu eżaminati fil-meritu. Suppost li huma veri l-fatti allegati mill-attur fiċ-ċitazzjoni ċjoè li kien il-konvenut li waqqfu nġustament jew arbitrarjament mill-appalt, kif irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, hu ċar illi l-eċċezzjoni tal-konvenut ma hemmx lok għaliha. Jista' jkun hemm lok għaliha, ċjoè għall-eżami tagħha bħala eċċezzjoni "di rito", dejjem, s'intendi, fil-limiti li ssollevaha l-istess konvenut, unikament fil-każ illi eżaminati l-provi, din il-Qorti ma taqbelx ma dik il-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fi kliem ieħor jekk kien il-konvenut li tterminа l-appalt, għax hekk ried jew bla raġuni ġusta, allura ma hemmx kwistjoni li hu applikabbli l-imsemmi art. 1734, bla ma jkun hemm ebda bżonn li l-attur jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt biex jista' jitlob it-telf tal-profitt. Jekk, inveċe, bħala parti mill-meritu, kien l-attur li abbanduna l-appalt anki jekk tal-volta tah kawża l-konvenut, allura jkun jeħtieġ jiġi eżaminat jekk, b'dan kollu, iċ-ċitazzjoni kif inhi tistgħax tiġi sostnuta skond dispożizzjonijiet oħra tal-liġi;

Ikkunsidrat;

Jidher ċar mill-provi illi fil-kors kollu tax-xogħol in kwistjoni kien hemm ta' spiss tilwim u nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet. Milli jidher, (għad li ma hemmx prova preċiża), ix-xogħol inbeda għall-ħabta tal-ewwel xhur tas-sena 1954. Fl-10 ta' Settembru ta' dik is-sena l-attur ippreżenta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċitazzjoni sostanzjalment identika għal dik f'din il-kawża, fejn ukoll allega lill-konvenut kien mingħajr ġusta kawża waqqfu milli jkompli x-xogħol. Dik il-kawża ġiet ċeduta fil-11 ta' Ottubru 1954, qabel ma waslet għall-ewwel smigħ, għaliex evidentement, bħala transazzjoni, kien, fid-9 ta' dak ix-xahar, sar bejn il-partijiet il-ftehim inkorporat fl-iskrittura fol. 4. Skond dak il-ftehim, il-konvenut ħallas l-ispejjeż ta' dik il-kawża li kien inkorra l-attur. Iżda ma damx ma reġa' beda t-tilwim. Biżżejjed wieħed josserva illi, apparti l-protest li l-attur kien ġa għamel lill-konvenut qabel istitwixxa dik il-kawża, u ċjoè fit-2 ta' Awissu 1954, l-attur għamel protest kontra l-konvenut fil-11 ta' Novembru 1954, fejn allega li mart il-konvenut kienet qegħdha tivvessaħ u tostakolaħ fix-xogħol tiegħu bil-konnivenza tal-konvenut. Għal dan il-protest irrisponda l-konvenut bil-protest tiegħu tat-3 ta' Diċembru 1954, fejn qal illi x-xogħolijiet kienu kważi kompletati, iżda l-attur ma għamelx ħafna mill-partiti li hemm fix-Schedule of Works, u barra minn dan, fl-eżekuzzjoni tax-xogħol mhux jimxi skond is-sengħa. Segwa kontro-protest tal-attur fis-7 ta' Diċembru, fejn jingħad illi l-protest tal-konvenut kien sar bħala pretest biex il-konvenut ikompli jostakolah milli jispiċċa x-xogħolijiet, u mbagħad protest ieħor fl-24 ta' Frar 1955, fejn l-attur allega li l-konvenut kien qabbad, kontra l-ftehim, lil xi ħadd ieħor biex jagħmel ix-xogħol tal-madum;

Fis-7 ta' Diċembru 1954 l-attur kien ġie misjub ħati ta' nġurja vaga, u kundannat għall-ammenda ta' 5s. u l-ispejjeż tal-kawża, "talli ġie li laqat ma' mart il-konvenut u ma talabhiex skuża, u ġie li taptpilha fuq spallejha" (fol. 11);

Ġiet ukoll eżibita (fol. 12) mill-konvenut kopja ta' kundanna oħra kontra l-attur għal inġurja lil mart il-konvenut, iżda għall-finijiet ta' din il-kawża din ma għandha

ebda rilevanza. għaliex l-inġurja kienet saret fl-14 ta' Lulju 1955, ċjoè ħafna xhur wara li x-xogħol kien ġa waqaf, u xhur wara li kienet ġa bdiet din il-kawża preżenti;

Dan kollu juri illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet qatt ma kienu verament tali li jistgħu jwasslu għall-espletament sewwa u paċifiku tax-xogħol. Il-konvenuti jattribwixxu l-ħtija lill-attur prinċipalment billi jgħidu illi x-xogħol, kważi kollu, li kien jagħmel kien ħażin, u kien spiss jieqaf mix-xogħol. Iżda l-Qorti ma tistgħax ma tosservax illi, skond il-provi li hemm fil-proċess, ix-xhieda tal-konvenut u martu ma hix sostanzjata. Skond il-ftehim, ix-xogħol kellu jkun "skond is-sengħa u approvat mill-Perit Oscar Rizzo"; dan il-perit, meta xehed quddiem il-perit tekniku, ħlief għal okkażjoni waħda meta mart il-konvenut kienet irrilevat difett, ċ-ċimusa tal-gallarija ma kkonferma ebda difett ieħor fix-xogħol jew il-kondotta tal-attur; anzi, kull darba li l-konvenut jew martu lmentaw miegħu fuq xi allegati nuqqasijiet jew difetti fix-xogħol. hu dejjem, wara li kien jivverifika, kien isib ix-xogħol sewwa. "Barra d-darba taċ-ċimusa tal-gallarija", qal il-perit fol. 61, "ir-rapporti li kienet tagħmilli l-mara tal-konvenut dwar ix-xogħol ħażin kienu dejjem infondati". Meta reġa' xehed quddiem l-Ewwel Qorti, il-Perit Rizzo kkonferma illi fis-saqaf talbjut kienu dehru dbajja, qishom dbajja tal-linka, li hu ma setgħax jifhem x'kienu. Il-konvenut, u speċjalment martu, taw x'wieħed jifhem, meta xehdu. illi dawk id-dbajja kienu dovuti għal xi ħaġa sewda li l-attur kien italla' fuq il-bjut waqt ix-xogħol fi fliexken. Iżda dan ġie negat mill-attur. Il-Perit Rizzo qal ukoll illi kien hemm xi madum li nqala' u ma reġgħax tqiegħed: iżda hu spiega dan il-fatt billi qal illi x-xogħol tal-appalt ma kienx tkompla; u din hi appuntu l-kwistjoni li tifforma l-oġġett tal-kawża:

Il-perit ġudizzjarju f'żewġ relazzjonijiet li setgħu u messhom kienu aktar eżawrjenti u kompleti, sab illi "ix-xogħol tal-ġebel sar skond l-iskeda; xogħol ieħor ma sarx, u anki mhux kif kellu isir, eżempju s-saqaf tal-entrata, li kien qabel troll; dak li jirrigwarda t-tibjid u kulur, parti tajba f'ċerti kmamar u parti ħażina, eżempju t-taraġ, kunsidrat taħt li-standard normali; dak li jirrigwarda madum,

għalkemm marbut bil-ftehim, però ma rriżultax illi l-attur ġieb madum fuq il-post";

Għal dak li hu xogħol li ma sarx hi evidentement applikabbli l-ispjegazzjoni tal-Perit Rizzo hawn fuq imsemmija. Ix-xogħol ma tlestiex kollu għax l-appalt waqaf (apparti għall-mument minn min jew ħtija ta' min), u għalhekk bilfors li kellu jkun hemm xogħol li ma kienx sar. Kwantu għall-madum li l-attur ma ħax fuq il-post, l-attur preċiżament jgħid li dan ġara għaliex il-konvenut u martu ma għamlux l-għażla t'egħu, anzi mbagħad qabbdu lil ħadd ieħor biex jagħmlu. U fuq din iċ-ċirkustanza, li l-Qorti tikkunsidraha tal-aqwa mportanza, il-Qorti terġa titkellem aktar il-quddiem;

Fil-kumpless tal-provi din il-Qorti ma jidhrilhiex illi kontra l-attur ġew pruvati nuqqasijiet tali li setgħu jintitolaw lill-konvenut li jittermina l-appalt għal dik ir-raġuni, ċjoè inadempjenza kontrattwali da parti tiegħu. Għal xi xogħolijiet żgħar li skond il-perit tekniku kienu saru ħażin l-attur kien offra fil-kontroprotest tiegħu tas-7 ta' Diċembru 1954 (fol. 174) li "jekk il-perit Rizzo (li kellu, kif intqal, jiddiriġi u japprova x-xogħol) jiddikjara li hemm xi xogħol ħażin, hu pront biex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa";

Fuq l-inċident li jsemmu l-konvenut u martu, li l-attur ħa xi ġebel milli kien hemm fil-fond l-attur qal fix-xhieda tiegħu illi hu ħadu għax dak il-ġebel kien kompriż fil-ħlas li l-konvenut kien irċieva mill-*War Damage Commission* u hu (l-attur) kien intitolat li jieħdu mas-somma assenjata (fol. 65);

Jidher mill-provi illi mart il-konvenut u l-konvenut stess, kienu fitti wisq, u kienu jissikkaw u idejqu lill-attur b'ilmenti ngustifikati u b'ċerti vessazzjonijiet u nuqqas ta' ko-operazzjoni. Jista' jkollu mportanza r-rifless illi anki l-Perit Rizzo ġie mxebba. Qablu u qabel l-attur kien hemm perit ieħor u mgħallem ieħor li ma kompliex, bla ma jidher mill-provi għaliex. Imma jidher mix-xhieda tal-konve-

nut illi ma' dak l-imgħallem kellu kawża "għaliex fittxu għall-armar" (fol. 73). Din l-ispjegazzjoni xejn ma taqbel ma' dik li tgħat mart il-konvenut, fis-sens li dak l-imgħallem kien telaq mix-xogħol "għaliex ma sabx min jisilfu l-għodda u qata' qalbu" (fol. 67);

It-tliet xhieda prodotti mill-attur, ċjoè Giuseppe Azzopardi, Giovanni Cesare u Domenico Camilleri, pjuttost jikkorroboraw lill-attur illi mart il-konvenut ma kienetx tgħin, anzi kienet diffiċli, ma tifttħilhomx meta kien ikollhom bżonn ikellmuha, fuq ix-xogħol, u tirrifjuta li tagħtihom l-ilma biex jagħġnu t-tajn;

Għad illi, però, kif intqal, aktarx kienu l-konvenut u martu li kienu jikkawżaw l-inkwiet u t-tilwim, dan, fih innifsu, ma jfisserx illi kien l-konvenut li xolja l-appalt;

L-attur, fix-xhieda tiegħu fol. 64, jgħid illi fil-kors taxxogħol huma waqfu tliet darbiet, u kien jibgħat għalieh l-Avukat Pace biex ikompli. Matul ix-xogħol il-konvenut kien ta' sikwit iwaqqfu minn din u dik il-ħaġa, u jġiegħlu jagħmel xogħol darbtejn u erbgħa darbiet. Għall-bidu l-ilmenti kienet tagħmilhom mart il-konvenut fuq dak li kien jgħidilha r-raġel. Anki dan kien spiss jilmenta mal-perit, li kien imur bosta drabi fuq ix-xogħol. Dawn l-ilmenti l-konvenut kien jagħmilhom ġeneralment meta kien jasal biex iħallas l-akkonti. Żied igħid l-attur illi minħabba dawn l-inċidenti u tfixkil ieħor li hu jsemmi, "meta allura ma stajtx naħdem iżjed mort għand l-Avukat Pace u għidtlu li jiena sejjer inġorr l-għodda, u r-raġuni prinċipali għaliex tlaqt kienet minħabba l-inċident fuq il-flus li semmejt; jiena ma stajtx inkompli naħdem għax kien jagħlaqli l-bieb ma' wiċċi, u allura kelli nitlaq definittivament; jiena, meta wqaft, ħallejt kollox fil-post" (fol. 65-66);

Giuseppe Azzopardi xehed li darba mar mal-attur u x-xhud l-ieħor Giovanni Cesare għand il-konvenut, u dan keċċihom il-barra. L-attur kien mar biex jistaqsi jekk għandux ikompli x-xogħol u l-konvenut "keċċieh il-barra". Dak inhar stess filgħodu, ikompli jgħid ix-xhud, huma kienu marru d-dar tal-konvenut, u "l-mara ta' dan ma riedetx

tkellimhom". "Jiena naf", ikkonkluda Azzopardi, "li sa dak inhar l-attur kien irid ikompli x-xogħol";

Il-konvenut u martu jiċħdu li huma keċċew lill-attur, jew li ma ħallewħx ikompli x-xogħol. Hilda Pace qalet fix-xhieda tagħha illi l-attur ma marx għax-xogħol iżjed "wara" li tilef il-kawża kriminali, u li l-għada għamlilhom mandat ta' elevazzjoni, u huma kienu jibgħatu għalieh isaqsuħ x'sejjer jagħmel, u hu kien iweġibhom li ma jridx imur" (fol. 70). Dan ifisser illi l-attur waqaf mix-xogħol għal xi t-8 ta' Diċembru 1954, għax il-mandat ta' elevazzjoni ġie preżentat fis-7 ta' dak ix-xahar, għad illi fin-nota tal-konvenut fol. 132 id-data tal-mandat hi mogħtija bħala t-28 ta' Ġunju 1956. Dak il-mandat kien jirrigwarda flus li l-konvenut kien daħħal minn għand il-War Damage Commission u naqas li jħallas lill-attur skond il-ftehim, u jaqbel, għal dik li hi d-data li fiha waqaf mix-xogħol, ma' dak li qal l-attur, illi hu telaq finalment mħabba l-kwistjonijiet li l-konvenut kien jaqla' meta jiġi biex iħallas l-akkonti;

Issa, kieku l-fatti kienu jieqfu hawn, il-Qorti kien ikollha talvolta biżżejjed biex tirritjeni illi l-attur "kellu raġuni" biex jitlob ġudizzjarment ix-xoljiment tal-appalt minħabba l-kondotta u l-inadempjenza tal-konvenut u martu, imma forsi ma kienetx tkun tista' tgħid illi, billi materjalment waqaf mix-xogħol, b'daqshekk ġie xjolt il-kuntratt, jew li sa dak it-tant il-kuntratt xoljieħ il-konvenut. Ċertament, l-art. 1734 jikkontempla l-każ ta' xoljiment unilaterali "ad nutum" da parti tal-kommittent, u l-konvenut jinnega illi hu waqqaf lill-attur mix-xogħol bis-saħħa tal-fakoltà li kellu taħt dan l-artikolu;

Iżda, għall-istess identika raġuni li għaliha l-attur, bis-sempliċi waqfien tax-xogħol (sija pure li kellu għaliex), ma operax "ope legis" ix-xoljiment tal-appalt, anqas il-konvenut (ankorkè l-attur materjalment kien waqaf mix-xogħol u talvolta kien jippretendi l-konvenut li dan għamlu bla raġuni) ma seta' jikkunsidra ruħu xjolt mill-istess appalt. Infatti in kwantu l-attur seta' jikkunsidra ruħu maħlul minħabba l-inadempjenza tal-konvenut u għal raġunijiet ġusti, dan ma kienx ikun każ ta' xoljiment taħt l-art. 1734, iżda, kif ġie rilevat minn din il-Qorti fil-kawża

"Galea vs. Pace et." deċiża fis-26 ta' Ottubru 1962, każ talpatt kommissorju taċitu u kwindi l-intervent tal-Qorti biex tiddikjara l-kuntratt xjolt għal dik ir-raġuni kien rikjest għall-konvenut, daqs kemm kien rikjest għall-attur;

Eppure, kien il-konvenut, li mingħajr ebda dikjarazzjoni tal-Qorti, fil-fatt ikkunsidra l-kuntratt maħlul. Infatti, non ostante illi skond l-iskrittura fol. 4 il-konvenut kellu jagħmel ix-xogħol kollu, ħlief dak biss tal-ilma u l-elettriku, b'dan illi l-madum u t-tibjid kellu jsir skond l-għażla tal-konvenut, evidentement għal dak li hu disinn u kulur, il-konvenut, wara li x-xogħol waqaf, qabbad u ftiehem ma' ħadd ieħor biex ħadimlu l-madum u l-możajk. Ġa ladarba l-konvenut beda b'dan il-mod jiddisponi mix-xogħol tal-appalt, li skond il-ftehim kellu dritt jagħmlu l-attur, bilfors li hu kkunsidra ruħu meħlus mill-kuntratt. Iżda dan, il-konvenut ma setgħax jagħmlu sempliċement għaliex l-attur kien waqaf mix-xogħol, jew għax il-konvenut kien jippretendi li l-attur kien xort'oħra inadempjenti lejgħ; hu seta' jagħmlu biss in kwantu ieżerċita l-fakoltà li ndubbjament kellu skond l-art. 1734; iżda allura bil-konsegwenzi tagħha;

Taħt dan l-aspett dan il-każ mhux dissimili in prinċipju minn dak fl-ismijiet "Sarè vs. Ellul", deċis minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju 1953 (Vol. XXXVII-I-197). F'dik il-kawża kien irriżulta illi rigward l-appalt ta' rikostruzzjoni ta' ċertu fond l-attur, li kien l-appaltatur, kien għamel ix-xogħolijiet ta' natura urġenti, iżda għal xi raġuni iew oħra ma kompliex l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet l-oħra skond l-obbligu minnu assunt bl-iskrittura; u l-konvenuti, wara li għalxein interpellawh diversi drabi biex ilesti dawk ix-xogħolijiet fi żmien determinat taw l-appalt lil ħadd ieħor. Din il-Qorti qalet hekk:— Fil-kuntratti bilaterali, għal ma hu dak in kwistjoni, il-kondizzjoni riżoluttiva hi dejjem sottintiża għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos għall-obligazzjoni tagħha; iżda f'dan il-każ il-kuntratt ma jiġix riżolut "ipso iure", imma b'ministeru tal-Qorti . . . . . Skond din id-dispożizzjoni l-konvenuti (li kienu l-kommittenti) ma setgħux "marte proprio" jirriżolvu l-appalt mogħti lill-attur . . . . mingħajr ma jirrikorru lill-Qorti . . . . Il-konvenuti però setgħu dejjem, bis-saħħa tad-dispo-

żizzjoni tal-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, iħollu u jirriżolvu dak l-appalt taħt il-kondizzjoni hemm imsemmija . . . . "; u applikat favur l-attur dak l-artikolu;

Il-Qorti jidhrilha li dan ir-raġunament jgħodd għall-każ preżenti, anzi forsi jgħodd aktar. F'dan il-każ, infatti, wara li l-konvenut kien għamel il-protest fol. 182, fejn il-menta li l-attur ma għamelx ħafna mill-partiti tax-xogħol li kien hemm fix-Schedule of Works, u, barra minn dan, fl-eżekuzzjoni tax-xogħol *"mhux jimxi skond is-sengħa"*, u nterpellah jagħmel dawk ix-xogħolijiet li ma għamelx u jikkoreġi dawk li ma kienux skond is-sengħa, l-attur, bil-kontroprotest tiegħu fol. 174, għad li suppost kien ġa telaq mix-xogħol, irrimostra illi x-xogħolijiet kienu saru taħt id-direzzjoni tal-Perit Rizzo, u offra illi, jekk dak il-perit jiddikjara li hemm xi xogħol ħażin, hu pront biex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa. Il-konvenut mhux talli ma ndi-kalux dawk is-supposti xogħolijiet ħżiena, iżda talli "marte proprio" qabbad u ta biċċa mill-appalt lil ħadd ieħor. Sa *Frar 1955 l-attur kien għadu jipprotesta mal-konvenut illi,* għalkemm hu baqa' jistenna biex il-konvenut jagħmel l-għażla tal-madum, il-konvenut mhux talli ma għamilhiex, iżda talli ordna u beda x-xogħol tat-tqegħid tal-madum b'ħadd ieħor;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti jidhrilha illi kien il-konvenut li ħall u xolja definittivament l-appalt, kif seta' jagħmel biss, minn rajh, taħt l-imsemmi art. 1734;

*Għalhekk u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi,* din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Kwantu għall-ammonti jidher illi dak ta' £130 likwidat bħala ndennizz minħabba telf ta' qligħ hu aktarx eċċessiv, meta wieħed jikkunsidra illi l-bilanċ ta' xogħol li kien għad irid isir kien ta' £550 biss. peress illi fl-akkonti li l-attur kien ġa rċieva kien indubbjament inkluż il-profitt fuqhom. Hekk ukoll fis-somma issa likwidata mill-perit ġudizzjarju. Il-Qorti jidhrilha illi tkun adegwata s-somma ta' £50. Kwantu għall-ammont l-ieħor ta' *£276. 15. 2d likwidat bħala prezz tax-xogħol li l-attur la-*ħaq għamel, il-perit tekniku spjega illi f'dan il-kalkolu hu kien żamm preżenti quddiemu x-xogħolijiet li ma kienux

saru u dawk li kienu difettużi, u għalhekk, ġa ladarba dak it-tnaqqas ġa sar, mhux il-każ li jsir ebda tnaqqis ieħor;

Ikkunsidrat;

Ġa ladarba l-Qorti waslet f'din il-konklużjoni, ma hemmx lok, kif intqal fuq, li tiġi eżaminata oltre l-eċċezzjoni hekk imsejħa ta' irritwalità sollevata mill-konvenut. Una volta li ġie ritenut illi kien il-konvenut li ħall l-appalt taħt l-art. 1734, ma kien hemm ebda lok li l-konvenut jitlob preventivament ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt b'azzjoni separata. Imma anki kieku "ex hypothesi" dan ma kienx il-każ, u *l-azzjoni tal-attur kellha titqies bħala azzjoni għall-prezz* tax-xogħol li għamel u d-danni minħabba inadempjenza tal-konvenut, xorta waħda dik l-eċċezzjoni kienet tkun infondata. Biċ-ċitazzjoni l-attur talab id-dikjarazzjoni formali illi l-konvenut inġustament waqqfu milli jkompli x-xogħol li baqa', u mbgħad talab l-istima tax-xogħolijiet li għad ma sarux, l-istima tax-xogħolijiet li saru, u l-ħlas tad-danni. Dan kollu ma jistgħax ħlief ifisser illi l-attur kien qiegħed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni illi l-kuntratt ġie xjolt, u jikkoinvolġi neċessarjament mhux biss l-ipotesi ta' *xoljiment "ad nutum" da parti tal-konvenut*, iżda anki l-ipotesi ta' xoljiment inġust da parti tal-konvenut jew għal kawża ġusta da parti tal-attur. Hi prattika ta' kulljum illi fuq ċitazzjonijiet similment formulati l-Qorti, meta tkun kwistjoni ta' inadempjenza allegata mill-attur jew mill-konvenut, teżamina wkoll din l-ipotesi, kif sar appuntu fil-kawża "Galea vs. Pace" ġa fuq ċitata, fejn il-Qorti eżaminat in subordine jekk il-konvenuti kienux ġustifikati li jitterminaw il-kuntratt; u jekk dan jgħodd għall-konvenuti f'kawża simili, ma hemm ebda raġuni għaliex ma għandux jgħodd *għall-attur. Għar-regola tal-"equipollens"* bizzejjed wieħed jara, per eżempju, oltre s-sentenzi numeruzi oħra, dik riportata fil-Vol. XXIX-II-824, fejn sostanzjalment jingħad illi meta t-talba hi tali illi kieku tkun akkolta, tikkoinvolġi neċessarjament ir-revoka ta' att, dik ir-revoka tinsab impliċitament kompriża fid-domanda, għalkemm espliċitament ma tkunx ġiet mitluba. Dan evidentement jgħodd għar-riżoluzzjoni ta' att;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa'

l-appell fis-sens limitat biss li tirriduċi s-somma akkordata għat-telf ta' profitt għal £50; mill-bqija tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-prima istanza kontra l-konvenut, barra dawk tas-seduti quddiem il-perit ġudizzjarju li ma sarux ħtija tal-attur; dawk tal-appell jitħallsu kwart mill-attur u tliet kwarti mill-konvenut.